# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 10/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Daniel Zammit)

vs

**Carmelo Borg**

iben Saviour, imwieled Pieta', fid-29 ta' Awwissu, 1971, detentur tal-karta tal-identita' numru 490871(M)

Illum 25 ta' Settembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Carmelo Borg quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Akkużat talli fis-7 t'April 2012, għall-ħabta tat-8 ta' filgħodu, gewwa Triq it-Tramuntana, l-Belt Valletta, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħsarat jew għarraq xi ħaġa u cioè cable tad-dawl tal-Korporazzjoni Enemalta, liema ħsarat jammontaw għal madwar €709;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' Diċembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 328 (d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberatu taht l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 għal sitt xhur u kkundannatu bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24 ċitat Kap 446, li jagħmel tajjeb għad-danni kawżati għad-detrement tal-Korporazzjoni Enemalta fis-somma ta' seba' mija u disgħa euro (€709), żmien mhux oltre sena mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Carmelo Borg minnu ppreżentat fis-17 ta' Diċembru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u tilliberah minn kull ħtija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

L-uniċi provi li ġew prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti kienu affidavit ta' PS14 Clayton Fiteni, xhud illi wasal wara li kien seħħ l-inċident de quo. Apparti minn hekk, ġiet preżentata fattura tal-Enemalta għar-riparazzjonijiet li saru (Dok. JB1) u kif ukoll ittra bonarja interpellatorja mibgħuta lill-V&C Contractors biex tagħmel tajjeb għal dawn id-danni (Dok. JB2). L-Imputat esponenti ppreżenta ukoll kopja tal-Permess xogħolijiet fit-Toroq relattiv għax-xogħolijiet odjerni (Dok. CB).

Waqt dawn il-proċeduri l-prosekuzzjoni ressqet biss lil Jacqueline Busuttil, impjegata mal-Enemalta Corporation, li xehdet dwar l-ammont tal-ħsara u kkonfermat illi sa fejn taf hi cables ta' din ix-xorta iridu jkunu 75 ċentimetru 'l isfel mill-wiċċ tat-triq. L-istess xhud ma kienet taf xejn dwar kif kien seħħ l-inċident per se.

L-unika prova dwar kif seħħ l-inċident de quo kienet kostitwita mix-xhieda viva voce tal-esponenti li kkonferma illi huwa kien ottjena l-permessi u l-clearances meħtieġa għall-imsemmija xogħolijiet u li skond l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Korporazzjoni Enemalta ma kien hemm l-ebda cable għaddej mill-post fejn kienu qed jiddaħlu l-vireg għall-livelli. L-esponenti kkonferma dak li xehdet Jacqueline Busuttil fis-sens li cables ta' din ix-xorta għandhom ikunu mhux inqas minn 75 ċentimetru 'l isfel mill-wiċċ tat-triq, iżda l-cable in kwistjoni kien biss ftit

ċentimetri taħt il-wiċċ tat-triq tant illi nqata' mal-ewwel hekk kif iddaħħlet il-virga in kwistjoni fl-art.

Il-provi riżultanti in atti għalhekk kellhom neċessarjament iwasslu għall-liberazzjoni tal-esponenti mill-akkużi dedotti kontrih u ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni għas-sejbien ta' ħtija fil-konfront tiegħu.

Ir-reat li bih ġie mixli l-esponenti jippostula nuqqas ta' ġsieb, traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew altrimenti nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti. L-ebda wieħed minn dawn l-elementi ma rriżulta. L-esponenti ha d-debiti kawteli billi għamel il-verifiki opportuni qabel ma ezegwixxa x-xogħolijiet *de quo*. Ċertament hu ma jaħtix għall-fatt li kien għaddej cable minn post mhux indikat mill-Korporazzjoni Enemalta u ċertament ma jaħtix għall-fatt li l-cable kien għaddej pratikament mal-wiċċ tat-triq.

L-unika prova in atti dwar il-fatti li propju taw lok għal ħsarat huwa l-affidavit ta' PS 14 Clayton Fiteni illi lanqas biss kien fuq il-post meta seħħ l-akkadut. Il-prosekuzzjoni naqset għal kollox milli ġġib ebda forma ta' prova diretta dwar id-dinamika tal-inċident, jew dwar iċ-ċirkostanzi jew il-fattispeċje tal-każ li taw lok għall-vertenza odjerna. Fil-waqt illi l-provi juru illi ġew kkawżati xi ħsarat, ma jurux la minn min saru, u wisq inqas b'liema animo saru.

Gialadarba x-xhud PS14 Clayton Fiteni ma kienx fuq il-post, x-xhieda u l-affidavit tiegħu jammontaw biss għal detto del detto, għaliex effettivament li għamel dan ix-xhud kien li jirrapporta dak li qallu ħaddieħor. Bl-istess mod x-xhieda ta' Jacqueline Busuttil kienet sostanzjalment xhieda biss dwar in-natura tal-ħsarat in kwistjoni u l-ammont ta' ħsarat riskontrati wara l-akkadut. Fil-fehema tal-appellant, fin-nuqqas ta' prova diretta dwar kif ġraw il-fatti fil-każ odjern, wieħed ma jistax joqgħod fuq dak li xehed PS Clayton Fiteni fuq dawk li qalulu persuni oħrajn ġialadarba din m'hiex prova ammissibli.

Il-grad ta' prova fil-kamp kriminali rikjest biex jista' jkun hemm sejbien ta' ħtija jitlob illi l-Qorti tiddeċiedi fuq il-provi li jinsabu fl-atti: quod non est in actis, non est in mundo. Il-grad tal-

probabbli ma japplikax għal każ odjern, kellha ssir prova lil hinn minn kwalsijasi ragjonevoli dubbju. Meta l-ewwel Onorabbli Qorti straħet fuq xhieda indiretta sabiex ssib ħtija fl-appellant odjern, hi kienet qed tinjora prinċipju bażilari tad-dritt u għażlet li tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi diretti bi provi li ma kienux ammissibbli. Fil-każ odjern, hija għal kollox nieqsa fl-atti xi prova kwalsiasi li turi, mingħajr ebda dubbju raġonevoli, illi l-appellant kien propju ħati tal-akkużi kif dedotti kontrih.

Illi din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, kienet waslet għall-istess konklużjoni fil-każ li kellu fattispecje bażikament identiċi għall-każ odjern, Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Cutajar) v Clyde Magro[1]. Dik l-Onorabbli Qorti kienet qieset illi fl-isfond ta' dan kollu hawn premess, l-Ewwel Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment ssib ħtija għab-bażi tal-provi li kellha quddiema u għaldaqstant illiberat lill-appellant minn kull akkuża, ħtija u piena.

Illi in oltre, għandu jinghad illi f'sede kriminali kull persuna twieġeb għall-aġir tagħha indipendentement min dak li jkun għamel ħaddieħor, ammenoche' dak li jiġri ma jkunx dovut unikament u esklużivament għall-aġir ta' persuna oħra[2]. Fil-każ preżenti, il-prosekuzzjoni naqset għall-kollox milli tipprova illi kien xi aġir tal-imputat illi kkawża l-ħsarat reklamati.

Għaldaqstant, in vista ta' dak appena premess, fl-umli fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt ssib xi ħtija fl-imputat; dan anke fid-dawl tal-grad ta' prova rikjesta fil-proċeduri odjerni fejn kull dubbju għandu jiffavurixxi lill-imputat.

**IT-TIENI AGGRAVJU - IN-NUQQAS TA' RESPONSABBILTA' TAL-ESPONENT CHARLES BORG GĦALL-INĊIDENT DE QUO**

---

[1] Qorti Ta' L-Appell Kriminali, Imhallef Patrick Vella, 5 ta' Novembru, 2001

[2] Qorti tal-Appell Kriminali, Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri, 16 ta' Marzu 1961; Qorti tal-Appell Kriminali, Il-Pulizija vs. John Polidano, 3 ta' Novembru 1963; Qorti tal-Appell Kriminali, Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud, Vol.XXXVII, p. iv. p. 1131.

Illi in subsidium, u mingħajr pregudizzju għall-ewwel aggravju, għalkemm ġew riskontrati ħsarat fil-cable tal-elettriku għad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, b'dana kollu kien jeħtieġ li jiġi ppruvat bla ebda dubju dettat mir-raġuni li l-ħsara magħmula saret b' nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b' nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom jew b' nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti. L-ebda wieħed minn dawn l-elementi ma ġie ppruvat.

Id-delitt addebitat lill-appellant huwa wieħed ta' natura involontarjia. Għalhekk kien jkombi fuq il-prosekuzzjoni illi tipprova dik il-kondotta volontarja bbażata fuq nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew nuqqas ta' tħaris tar-Regolamenti. Skond ma qalet din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet Pulizija (Spt. C. Abdilla) v. Adrian Fenech u Christopher Muscat[3], "Irid ikun hemm il-prevedibilita' kif ukoll rabta bejn il-kondotta volontarja u l-akkadut." Illi fil-fehma tal-appellant, il-prosekuzzjoni naqset għal kollox milli tipprova dawn l-elementi.

Illi fil-kaz odjern, kienu ittieħdu l-prekawzzjonijiet u l-kawteli kollha li jinkombu fuq min jiġi biex iħaffer. Illi skond ma jirriżulta minn Dok. CB, is-soċjeta' li f'isimha kien qed isir ix-xogħol kienet applikat, u kienet ukoll ingħatat il-permess mill-awtorita' responsabbli, Transport Malta, biex tagħmel xogħolijiet fit-toroq.

Illi fil-każ odjern, filwaqt illi l-Enemalta kienet għamlet is-soliti road markings illi juru fejn kienu għaddejjin il-cables f'dik it-triq, l-istess kienet naqset għal kollox milli tissenjala l-cable illi intlaqat.

Inoltre, għandu jiġi rilevat illi solitament, cable li minnu jkun għaddej l-elettriku jkun mirdum bejn wieħed u ieħor ħamsa u sebgħin ċentimetru taħt is-superfiċje tat-triq. Illi fil-każ odjern,

---

[3] Qorti Ta' L-Appell Kriminali, Onor. Imħallef Joseph Galea Debono, Seduta tat-13 ta' Settembru 2007, Appell Kriminali Numru 159/2007

mhux talli dan ma kienx il-każ, talli l-cable li ntlaqat kien bażikament eżatt taħt is-superfiċje tat-triq, madwar tlieta jew erba' pulżieri l-isfel mill-istess. Illi kieku l-cable kien fil-fond fejn kellu jkun, kieku zgur illi qatt ma kien ser jintlaqat.

Ix-xogħol li kien qed isir meta intlaqat dan il-cable kien t-tqegħid tal-madum tal-bankina. Illi bħal ma diġa' ntqal, sabiex dak li jkun qed jagħmel x-xogħol jassikura li l-madum qed jitqiegħed livell, jitwaħħlu żewġ vireg tal-ħadid distanza ta' xi ftit metri l-bogħod minn xulxin li magħhom tintrabat spaga. Illi dak li ġara kien illi meta kienet qed titwaħħal waħda minn dawn l-imsemmija vireg, intlaqat dan il-cable.

Din l-virga tissammar fl-art kemm kemm ma tiċċaqlaqx u l-ħsieb ta' meta tkun qed tissammar huwa illi wara li jitqiegħed il-madum din tinqala' minnufih. Għaldaqstant, ma teżisti l-ebda raġuni għaliex din il-virga tissammar iktar minn xi ftit pulżieri taħt s-superfiċje tat-triq. Tenut kont ta' dan kollu, ċertament ma jistax jingħad illi din il-virga setgħet ssammret biżżejjed fil-fond biex jintlaqat l-cable tad-dawl illi kieku dan kien jinstab fil-fond fejn kellu jkun mirdum.

Għaldaqstant, ma jistax jingħad illi sar xi tħaffir bl-addoċċ u mingħajr l-aċċertamenti meħtieġa jew xi aġir ieħor illi minnu nnifsu jikkostitwixxi nuqqas ta' ħila fl-arti u s-sena rikjest mil-liġi f'din l-imputazzjoni. F'dan il-każ, ċertament ma jistax jingħad illi l-appelant, illi kien osserva l-kondizzjonijiet kollha tal-permess li nħariġlu, seta' jaħti b'xi mod meta ġrat ħsara għax il-cable danneġġjati ma kienx f'fond regolamentari.

Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija v Emanuel Agius[4], dwar fattispecje simili ħafna għal dawk odjerni qalet ukoll:

*Invista li jidher u jirriżulta mill-provi prodotti illi l-imsemmi "cable" kien intlaqat meta dan kien f'livell aktar il' fuq milli suppost mill-livell tat-triq, l-akkużat ma' jistax jiġi ritenut ħati tal-akkuża peress li dak li għadu kemm ġie premess ma setax raġonevolment jkun preveddibli mill-*

---

[4] Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġistrat Dr. Joseph Apap Bologna, 12 ta' Mejju, 2009

*istess akkużat waqt l-ezekuzzjoni tax-xogħol. Għaldaqstant, issib lill-akkużat mhux ħati u tilliberaħ mill-akkuża in eżami.*

Għaldaqstant, in vista ta' dak kollu fuq premess, l-esponent umilment jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tasal għal konklużjoni illi l-inċident in kwistjoni ma seħħx minħabba xi nuqqas imputabbli lilu.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża hija waħda sommarja u peress li x-xhieda ma ġietx rekordjata u anqas traskritta din il-Qorti kellha terġa tisma' l-provi mill-ġdid.

Illi dan l-appella huwa dwar l-apprezzament ta' provi.

Illi l-unika xhieda li resqu l-Prosekuzzjoni huma l-affidavit ta' PS 14 Clayton Fiteni u dik ta' Jacqueline Busuttil Office Executive fi ħdan l-Enemalta.

Fl-affidavit tiegħu PS 14 Clayton Fiteni, jgħid li mar Ivan Castillo, Principal Distribution Technical Officer tal-Enemalta jagħmel ir-rapport tal-ħsarat u li umbgħad ikkunttatja lil Charles Borg li jaħdem mal-V&C Contractors fejn dan tal-aħħar stqarr miegħu li waqt li kien qiegħed isammar virga biex jagħmel il-bankina din daħlet fil-cable tad-dawl.

Fix-xhieda tagħha Jacqueline Busuttil Office *Executive* quddiem l-Ewwel Qorti kienet esebiet permess għal xogħolijiet fit-Toroq (Fol 9) Dok JB1, Invoice ta' €709.38 għal ħsarat Dok JB2 (Fol 23) u ittra sabiex jiġi interpellat biex jitħallsu l-ħsarat. Meta xehdet quddiem din il-Qorti

kkonfermat lli t-tip ta' cable li ntlaqat kellu jinstab ħamsa u sebgħin ċentimetru minn taħt il-wiċċ tat-triq.

Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti l-appellant qal li huwa wieħed mid-diretturi ta' V&C Contractors u waqt illi hu u l-ħaddiema tiegħu kienu qegħdin jagħmlu l-livelli tal-bankina ġewwa Triq it-Tramuntana, l-Belt kien hemm dan l-inċident. Huwa spjega li biex jagħmlu il-bankini dawn ikollhom isammru xi vireġ ġot-tarmac biex jorbtu l-laneż magħhom u meta sammru din il-virġa partikolari telgħet ħuġġieġa, infatti l-manku tal-mazza tal-injam li salvah. L-Enemalta kienu marru jimmarkaw fejn hemm cables f' dik it-triq iżda ma kien hemm xejn immarkat li kien hemm dan il-cable.

*Avukat 'U hemmhekk fejn instab dan il-famuż cable li qed nitkellmu dwaru, kien hemm xi markings?*
*Appellant: Le Le, ma kien hemm xejn. Il-marka kienet pied jew pied u nofs'l barra milli daħħalna din il-virga. (Fol 56) tal-proċess.*

Huwa kompla jżid li meta marru tal-Enemalta u kixfulhom il-cable biex jaraw il-ħsarat kull ma kien 'l isfel il-cable kien '*sitt pulzieri għax il-virga baqgħet dieħla right through'* (Fol 57).

L-uffiċjali tal-Enemalta stess qas riedu jemmnu kemm kien viċin il-cable u qalulu li kien xortih tajba li ma ġarax incident ħafna agħar minn hekk speċjalment x'ħin raw li l-virga dabet.

Illi ż-żewġ aggravji mressqa mill-appellant huma l-apprezzament ħażin tal-provi mill-Ewwel Qorti u n-nuqqas ta' responsabilita' tal-appellant għall-inċident de quo.

Ili l-Prosekuzzjoni kellha tipprova li l-ħsara magħmula mill-appellant saret b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti iżda l-unika provi li tellgħu ma jagħtu ebda indikazzjoni li b'xi mod jew ieħor l-appellant għamel din il-ħsara b' neġliġenza. Infatti ma jistax jingħad illi meta mar biex iħaffer l-appellant biex iddaħħal il-virga dan għamlu bl-addoċċ u mingħajr aċċertamenti għax fejn is-soltu

jkun hemm is-soliti road markings mill-Enemalta biex juru li hemm cables għaddejjin f'dan il-każ skont ix-xhieda tal-appellant ma kienx hemm.

Illi in oltre, dawn il-cables tal-elettriku jkunu mirdumin ħamsa u sebgħin ċentimetri taħt is-superfiċje tat-triq mentri dan li ntlaqat kien mirdum ferm inqas.

Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti l-appellant kemm a folio 56 u a folio 58 jikkonferma li ma kienx hemm ebda forma ta' markings mill-Enemalta li hemm cable. Mentri l-Prosekuzzjoni fl-ebda moment ma ġabet lil xi ħadd jikkonferma biċ-ċert li kien hemm il-markings neċessarji u li ħsara li saret kienet b'neġligenza da parti tal-appellant. Ix-xhieda ta' Jacqueline Busuttil ma hijiex biżżejjed għal dan il-għan għax hi ma marritx fuq il-post. Hija bdiet taqra minn ġon-notamenti tal-'file' relattiv tal-Enemalta stess.

Illi ma hemmx provi li juru li l-appellant kien b'xi mod traskurat f'xogħolu u li għamel dawn id-danni b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti .

Għaldaqstant tilqa' l-appell ta' Carmelo Borg tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u tilliberaħ minn kull ħtija u piena.